# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU


Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.

Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.

IL POETA LATIN ORAZJU.


18. 2 TA' JANNAR 1909. L-EUUEL SENA


## FTEHIM.

In-"Naħla" toħroġ cull nhar ta' Sibt, f'il għaxija.

Il ħlas tagħha hu:— għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena; għal ta' barra m'ill Belt, sitt xelini f'is-sena; u għal ta' barra minn Malta, seba xelini f'is-sena. Dan il ħlas isir b'il kuddiem, u ista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur ucoll.

Hadd ma jista jissieħeb għal inkas minn sena; u jecc ma jgħarrafnix, għallankas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux igedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara.

L-ebda 'rcevuta ma tgħodd jecc ma tcunx iffirmata b-ismi·

Min iħallas ta' sena b'il kuddiem ingiblu f'il ġurnal tnax l-avvis żgħar b-xejn; min iħallas ta' sitt xhur, b'il kuddiem, ingiblu erbgħa biss ma tul is-sena; u min iħallas ta' tliet xhur b'il kuddiem, ŭieħed biss.

Min icun irid icompli jgib l-avviż żgħejr jeŭ acbar iħallas scond ma niftiehmu.

Cull imsieħeb, li jcun ħallas, jista jistaksini cull xorta ta' mistoksija basta li tcun serja, onesta u meħtieġa, u jiena nŭieġbu.

In-nies ta'd-dar ta'l imsieħeb icollhom id-dritt jagħmlu il mistoksijiet ucoll.

Cull min igib għaxar imsieħbin ġodda, natieħ tiegħu, għal sena, b-xejn.

F'in-"Naħla" ŭiegħduni li għandhom jictbu daŭna is-Sinjuri, li huma il fjur ta'l chittieba b'il malti:—

G. Borg. M. A. M. D. Id-Direttur ta'l Ġonna Pubblici;— Ġusè Bosco ta' Bona;— Censu Busuttil, l-Ispettur ta'l Ischejjel ta'l Gvern;— il Patri Majjistru Lorenz Caruana. O. P.;— G. Darmanin-Demajo, P.L.; Ġanni Gulia. C.F. M.D.;— A. Lucchese. P.L.;— Il Curunell u Professur Lorenz Manché, M. D.;— in-Nutar C. Micallef De Caro;— E. Mifsud Axiak, P.L.;— V. Mifsud-Bonnici;— G. Muscat-Azzopardi. P.L.;— A. Muscat-Fenech;— Il Cav: u Prof: Napuljun Tagliaferro, li chien Direttur ta'l Educazzjoni;— G. Vassallo;— il Canoncu Vella ta' Għaŭdex;— George J. Vella ta'l Cajr;— il Professur Temistocle Zammit. M.D. id-Direttur ta'l Mużeŭ;— Ġusè Zammit. P.L. u oħrajn.

Għal premjijiet jista jidħol m'hux biss min icun imsieħeb iżda min jixtri il ġurnal ucoll, basta jokgħod għal ftehim li jcun hemm avżat f'in-"Naħla".

Il manoscritti ma 'nreġġhuhomx lura.

L-ittri għandhom jimbagħtu collha il Belt, 37, Strada S. Gioanni; fejn isir ucoll cull ftehim fuk l-avviżi ecc.

# Il Prof: MANCHÈ

F'id-discors li semmejt f'in-numru l-ieħor u li dan il għaref Professur chien għamel kuddiem is-Soċjetà ta's-Snajja, Manifatturi u Cummerċ chien kankal ħaġa oħra li jiena, bħalu, naraha ta' gid cbir u ta' ħtieġa bla tarf jecc irridu naraŭ jinbtu u joctru l-industriji tagħna, igifieri li daŭna, biex jistgħu jmorru il kuddiem, għandhom bżonn jiġu *protetti.*

*Protetti* igifieri li bħal ma il bidŭi għakli biex ticber xitla u tgħaddi il kuddiem jilkgħilha ir-rieħ u jdellilha m'ixxemx u ma jħallix annimali jirgħaŭ fejna, hecc ucoll hemm bżonn li il Gvern tagħna jipprotiegi l-industriji tagħna m'irrebgħa ta'l frustieri.

U chif?

Billi, per esempju, joħlok taxxa żgħejra fuk il ħŭejjeġ meħjuta lesti, fuk il mobbli u l-argenteriji li jiġu lesti minn Barra.

Billi jecc f'Malta tinbet Dar biex tagħmel cunserva ta't-tadam tajba bħal ma hi dic li kiegħda tagħmel u tbih is-Soċjetà Houswin u sieħbu, il Gvern jagħmel taxxa żgħira fuk il ħafna cunserva li ma tafx x'inhi li tigi minn Barra, u b'hecc billi ta'l pajjis tcun tajba u orħos in-nies icollha taka fukha u toctor industrija maltija. Ligijiet bħal din haŭn ma'd-dinja collha u b'hecc f'pajjisi oħra jicbru l-industriji u jħaddmu ħafna nies.

Min jibka jrid jixtri l-oġġett ta' Barra jcun jista jagħmlu biss iħallas xi ħaġa iżjed ta'l capriċċ tiegħu.



# GHA'N-NISA.

**Lil P. G.** (L-Isla).

Iva, is-Sultan ta' Franza, Lüigi Erbaṫax u il għaref chittieb francis Mirabeau tüieldu b'żeüġ sinniet cull üieħed. Xejn tistagħġeb mela li ibnec beda jtalla is-snin ta' xagħrejn.

**Lil M. C. G.** (Ħamrun).

L-aħjar cura għal ħrar hi dic li iżżomm ħalk it-tarbija nadif u disinfettat billi tnaddafulha ta' sicüit bl-ilma fietel li fih tcun ħallejt kabel parti cull mija ta' acidu boricu li jinxtara minn għand l-ispiżżjar mingħajr ricetta.

Billi ilsien il-marid icun minfuħ u b'xejn jinstelaħ la ittiehx jiecol ħüejjeġ ebsin; ofsoklu xi isfar ta' bajda frisca, imħabbta tajjeb, fi ftit ħalib imgħolli, u malli tiskihielu naddaflu ħalku chif għedtlec.

Jecc għadu ċchejchen tieh jarda biss u malli treddgħu naddaf tajjeb sidrec m'il ftit ħalib li jifdal għaliex dac meta jinxef jikras u jimmoffa u il ħrar ma hux ħlief moffa u issibu l-actar f'ħalk daüc it-tfal li ommijiethom ma jżommux b'iż-żejjed sidirhom nadif. Jecc taħsel bl'acidu boricu maħlul fl'ilma fietel aħjar.

Jecc trid li imbagħad ifiek actar malajr oħorġu chemm tista fejn hemm arja tajba, f'xatt il baħar, kalb is-siġar, u kis li iżżommu nadif, li ma tħallilux krusa fi ħüejjġu. U tara chif b'hecc biss tfejjku malajr.

**Lil G. B.** (Il Belt).

Għandec raġun ferm li tiża m'id-difterite għaliex hi marda cherha u li tbażża tasseü. Tridni ingħidlec chif tibda biex jecc Alla ħares katt jittieħed xi ħadd mn'uliedec tilka malajr? Niccuntentac, u b'il kalb, għaliex chiecu l-ommijiet collha jagħmlu bħalec chiecu ħafna minn daüc it-tfal imsejcnin li jmutu fgati jsalvaü billi illum jecc jilħak cmieni it-tabib bl-injezzioni ta'l għaref Tabib Behring il marid jista jsalva.

It-tifel jibda biex igħidlec li għandu griżmejh juġgħuh u li dana l-ugiegħ actar ma jmur actar jicber; itieh ħass ħażin kaüüi u jibda jħoss tchexchix ta' bard u jakbdu deni kaüüi; jitfaüüar, jitkalleb bla ħeda, igħeüden, jinchixef, irid ikum m'is-sodda. Takbdu ucoll is-sogħla üaħda f'üaħda, xotta u imtertra donnha bħal ħurħara.

Malli tara daüna is-sinjali collha, u l-actar jecc meta tiftaħlu ħalku taralu f'il fond bħal ħaġa bajda la titlef żmien ta' xejn, sejjaħ minnufih l'it-tabib u üarrab l-uliedec l-oħra; u la tokgħodx tittama u titniccher li ma hu xejn, li ħa xi rieħ, għaliex dac li tista issalva f'il bidu üara ma issalvah b'xejn. Aħjar meta iġgib it-tabib igħidlec li saħħant rasec għal xejn milli meta jigi jgħidlec li ittrascurajt u issa ma hemm tama ta' xejn. U jecc tara it-tabib idaħħallu xi cuċċarina f'ħalku jeü jagħmillu l-injezzjoni la tfixclux jeü tokgħod titbecca; rabbi ftit ta'l ħila, għin l'it-tabib u neüüillu cull ma jcollu bżonn għaliex jecc igħosfor dac il üakt ibnec hu mitluf u tcun kridtu int għa't-trascuraġni u għa'l ħmerijiet ta' rasec.

La tħallix ħafna nies ma düaru għaliex jagħmlulu ħafna ħsara billi jixorbulu l-arja tajba li jcollu u actar ma jara min iżigħel bih actar jixgħel. L-omm hi b'iż-żejjed u ħadd ma jifmhu bħala u dac li tagħmel hi ma' binha ma jista jagħmlu ħadd.

Obdi, fuk collox, ħaġa b'ħaġa, dac li jgħidlec it-tabib u ara li ma issaħħanx rasec b'dac li jgħidulec xi girien, għaliex il pariri li jatuc daüna m'hux l-eüüel darba li jibagħtu bosta nies id-dinja l-oħra. Agħżel tabib tajjeb u afda l-ibnec f'idejh u okgħod għal dac collu li jgħid hu, għaliex hu studja u ġarrab u dac li ma jafx hú ma nafx chif jistgħu jafuh xi girien tiegħec.

**Lil M. N.** (Sliema).

Le ma jixrakx li meta int vistusa tmur f'tieġ u għalhecc ftit ankas li tmur it-teatru għad li tmur b'il vistu.

**Lil P. R.** (Furjana).

Tixtiek taf jecc meta tcun it-teatru u xi artista jcanta jeü tcanta tajjeb ferm int bħala mara jixrakx li tħabbat idejc ucoll bħal ma jagħmlu l-irġiel.

Għala le? Il ħüejjeġ sbiħ ma humiex maħlukin biex iħossuhom l-irġiel biss, u meta tħoss li ħaġa hi sabiħa jeü tajba għala ma għandecx turi li kiegħda togħġboc u li kiegħda tieħu pjacir biha? Għala ma għandecx int ucoll tferraħ bl-applaüs tiegħec il kalb ta' dac li tant studja u tħabat biex jagħmel il parti tiegħu hecc tajjeb?

Mela meta tħoss li għandec tapplaüdi, għamlu bla frattarija jeü jecc dana ma jogħġbocx xejjer b'il mactur bħal ma jagħmlu Barra u li hi actar ħaġa xierka għal mara.

L'imfaħħra chittieba taljana Vertüa Gentile f'il ctieb sabiħ tagħha "Come devo comportarmi" takbel ucoll f'il fehma miegħi.

**Lil A. L.** (Il Belt.)

Iva tagħmel seüüa, ħammar üiċċec biex ma isseüüidx kalbec, u la tħallix min ibuslec l-uliedec jecc ma jcunux xi nies ta'd-dar li tcun taf fuk li taf min huma. Dana li cull min jidhirlu, biex jagħmel cumpliment chiesaħ u vojt lilec, ibuslec l'ibnec jeü il bintec, u xi dakkiet fuk xuftejhom, hi draüüa ħażina üisk.

Il ħalk ta'l bniedem, imkar icun ta' l-actar üieħed nadif li tista taħseb, hu mimli dejjem b'eluf u eluf ta' microbi u daüna b'xejn igħaddú ma'r-riek minn ħalk għal ieħor u l-actar jecc f'ix-xuftejn icun hemm xi barxa jeü xi kasma; u daüna jistgħu inisslu mardijiet l-actar coroh li tagħhom jibkgħu vittimi it-tfal bla ma jcollhom ħtija u actarx jeħlu ommhom u missierhom b'dic l-ingiesa mokżieża f'il hin li daüna jcollhom demmhom safi u ħajjithom bla tebgħa.

Dan irrid ingħidu m'hux biss għat-tfal iżda ucoll għal daüc in-nisa li ma jafux jiltakgħu ma mara tcun min tcun li ma jagħmlux bħal kassisin f'il cor, jitbeüüsu għa'ċ-cerimonja.

Jecc xi ħadd irid juri li jħobb xi tifel jista jbuslu idu, u fuk għbinhu jbusu bħala premju meta jistudja jeü jagħmel xi ħaġa tajba.

## FRAC.

Ghala Ta's-Sliema kieghdin jonfku tant flus biex jibnu dac il Pixxatur hecc famus u ma jonfkux ftit liri biex jaghmlu bicca mol hdejn il Gżira biex meta id-dghajjes ighaddu minn Taht Santu Roccu ma jiesirx xi hadd xi siek jeu jaka il bahar?

***

F'il Liceo taghna ighallmu il Gharbi. Ghal fejn? Min sejjer illum johlom li biex jakla x'jiecol imur ighix kalb il Gharab? Ghala f'locu ma jghallmux l-Ispanjol li hu tant mehtieġ ghal pajjisi ta'l America t'Isfel fejn uiehed jista jiftah triek sabiha hafna f'il hajja bhal ma rajna m'is-Sur Terreni li chiseb fl'Argentina post m'il l-isbah?

***

Ippruvajt dal ġranet il cunserva ta't tadam li kieghda tahdem u tbieh il Fabbrica il ġdida ta Ħa'l-Lija, ta Houswin and Co., u ghoġbitni uisk ghaliex tinhass li hi haġa maghmula bla kerk ta' xejn. Il prezz taghha jakbel ucoll u ghalecc nitma li timxi u b'hecc titkankal industrija żghira f'Malta, li tisua biex tkauui il kalb lil xi ohrajn biex jithajjru jhaddmu il capitali taghhom f'industriji ohra. Imisshom mela il Maltin jaghmlu darba il kalb lil dac li jsir f'il pajjis.

***

Lil Professur Bartoli irrid nirringrazzjah ta'l copja li baghatli ta'l ġurnal ġdid b'il latin li hareġ Rosa Melitensis. Ġurnali b'il latin f'id-dinja ma haunx hlief tnejn, uiehed il Germanja u l-iehor New York; dana ta'l Professur Bartoli sejjer icun it-tielet u l-acbar uiehed u ghalecc sejjer jaghmel unur lil Malta, u l-actar billi chitbu fih xi Maltin bhal ma huma il Provinċjal Prof: Cuschieri, Mons: Farrugia, il Prof: Sciberras u xi ohrajn. Dana juri b'iċ-ċar li sa f'il chitba b'il latin il pajjis ta' Rigord, ta'l Bonamico, ta' Cumbo, ta' Mifsud-Tommasi u ta' Brighella ma bakax l-ura ghal gid ta'ż-zghażah taghna u ghal gieh ta' pajjisna.

★

## IFTHU GHAJNEJCOM!

Da'l granet uiehed li mar jakbad il hut b'id-dinamite tajjar idu u baka immancat ghal ghomru. Dana l-isparar ghal hut kieghed jaghmel hsara uisk ghaliex biex jakbdu huta jekirdu mija b'il bajt b'collox u b'hecc kieghed jinkered u jitgherrex il hut ta'x-xtut taghna biex icollna ingibu il hut minn Skallija u b'hecc flusna jcomplu jmorru Barra.

Mela aktghu dana is-sajd periculus li hu ta' gid uisk ċchejchen ghalicom u ta hsara cbira ghall cullhadd ghaliex ghad jigi żmien li jcollna nieclu il hut ta Skallija biss.

★

## Festa Sabiha.

Ghada, f'it-tlieta ta' uara nofs inhar, sejjer icun hemm festa sabiha ferm fl'Istitut ta' San Ġużepp ta'l Hamrun. It-tfal iltiema ta' hemm lesteu programm ta' dakk helu li jakbel uisk ma dauna il ġranet ta'l Milied; icun hemm miftuh il famus presepju li tahom is-Sur Cavalier Ninu Muscat Fenech u li Malta bi hġarha marret titghaxxak bih u li min ma jmurx jarah icun tilef tasseu haġa sabiha. Id-dhul icun b'xejn, biss icun hemm bacil u cull minn icun irid jitfa fih xi haġa jcun kieghed jaghmel carità cbira ma' dauc il hafna tfal imsejcnin li f'dauna il ġranet jistenneu xi haġa żghira strina minn ghand il klub hanina billi uiehed jatihom xi sold jeu tnejn biex ighaddi nofs ta' nhar moghdija ta' żmien li biha jiehu pjacir tasseu. Nitma immela li jmorru hafna nies.

## Is-Sur Fons Galea.

Nisthajjel tghiduli: "ma intix hlief tfahhar l'is-Sur Fons." U jiena inuiegibcom: "Jecc il hajja ta' dana il bniedem ta' kalb tajba ma hix mimlija hlief b'il gid li jaghmel lil proxxmu u bl-opri tajba chif nista niscot u ma infahhrux?" Da'l ġranet krajt li l'il Patrijiet Salesiani tahom, b'cuntratt il famus circolu li bena gha'ż-żghażah "Juventutis Domus;" u jidhirli li ghal dan hadd ma jista jghemghem jecc jiena infahhru.

Irrid nirringrazzjah ucoll ta'l ctieb sabih, b'il malti "Ulied Dun Boscu f'Malta" li baghat l'in-"Nahla." Fih l-istampi li u hu stampat tant tajjeb li jaghmel unur lil l-Istamperija ta's-Salesiani.

## COLONNA SAGRA.

Ghada, tlieta ta' Jannar, il Cnisja taghmel l'Ottava tal festa ta San Ġuan, Appostlu u Evangelista; u fil kuddiesa jarġa jinghad l'Evangeliu tal festa tieghu. Jigifieri ghada jarġa jinghad l'Evangelju tal Hadd li ghadda; u ghalheec ma hemmx bżonn nerġghu ingibuh.

### Il Kaddisin tal Gimgha.

Nhar it-Tnejn—erbgha ta Jannar—bl'ahmar—l'Ottava tal festa tal Innocenti.

Nhar it-Tlieta—bl'abjad—l'Epifanija (Ghid il Hamiem) —festa imsejha ucoll tat-Tre-Re—"festa iccmandata."

Nhar il Hamis, nhar il Gimgha u nhar is-Sibt—bl'abjad—ġranet fost l'Ottava tal Epifanija.

Nhar il Hadd— il ghaxra ta Jannar—bl'abjad—L'euuel Hadd ta fuk l'Epifanija.

G. Muscat-Azzopardi.

★

Da'l ġranet mietet il Hamrun, is-Sinjurina

**CENSA DEBONO**

li ghal tant snin chienet id-Direttrici ta'l Portafoglio Maltese li chien uiehed m'il l-actar ġornali ta' hajja tuila maltin. Fi żmienu dan il ġurnal chien uiehed m'il l-ahjar ucoll u dana hu ta' unur ghal dina il mara maltija li xejn ma tmeżmżet tiehu sehem f'il politica ta'l pajjis bla ma ta't ruhha ghal fruha bhal ma jaghmlu hafna ohra.

Jalla il pajjis jati hafna minn dina ix-xorta ta' nisa li barra milli jcunu tajbin jahlu bicca minn hajjithom ghal gid ta' ghajrom u l-actar billi jfittxu li jictbu biex jifthu il ghajnejn ta huthom il maltin.

Ta ghaxar xhur miet da'l ġranet, l-Isla,

**UGO SERRACINO**

li heles minn uied ta' dmugh biex mar jithenna ghal dejjem.

Alla jati is-sabar lil missieru u l-ommu li f'is-sema ghandhom min jitlob ghalihom.



# IS-SAHHAR FALZUN

## RUMANZ MALTI ORIGINALI

TA'

## AGOSTINO LEVANZIN

X'hin il Cavalier chien imxahxah f'dil holma helùa ta' mohhu giè stembhu malajr Hamid li dahal donnu mibluh, itemtem, biex kallu li Petrozz u Calanġ sabhom minxurin minn tulhom, minfuda minn banda għal l-ohra u imgħargħra f'għadira demm. Il Cavalier sfar għal meùt għaliex Petrozz u Calanġ iehor, li jakilgħuh m'il praspar collha bħalhom, ma chienx ùiehed jicseb addoċċ. Hamid kallu li carcarhom u difinhom taht it-tina f'il gnien u għalecc iddaùùar ftit, għaliex baża li jecc imur xi hadd ta'd-Dejma u jsibhom jista jùahhal f'De Saqueville u chien isib ruhu f'xi għaùġ.

Il Cavalier kallu li hasibha tajjeb ùisk għaliex chien jibża li Ambroġ iùahhal fih li katilhom hu; u talbu biex m'il l-actar fis jitlak ilebbet lejn l-Imdina halli jùassal minn taht il taht dic l-ittra lil Carmena u halli jara chif jagħmel biex iùassalielhu hdejh, jecc jista jcun, dac il lejl stess kabel jisbah; u billi ùiegħdu bokxix tajjeb, Hamid telak b'chemm chiseb għaġla biex jakdi lil dac il bniedem chiefer u ta' kalb hażina li chien sejjer iġarraf xbejba, itebbgħilha gieħha jimla bl'imrar kalb il Hachem; jimla b'in-nichet l-Imdina collha biex igħaddi capriċċ ta' mohhu u jithallas milli għamillu Ambroġ.

Meta ùasal, Hamid dahal cutu cutu m'il bieb ta'l ccina; u meta Mari il kaddejja staksietu fejn għadda il-lejl, kallha li mar jirgħa ftit sa'l Mosta ma' xi hbieb tiegħu.

Iżda hu chellu mitt sena biex jitla fejn Carmena halli jneùùlilha dic l-ittra li tah għaliha il Cavalier u li donnha chienet saret ticùi ġo hobbu. Carmena chienet sejra tiehu ferha b'dic l-ittra, haseb hu, u billi Carmena chienet xbejba li bi ġmielha takleb l-imhuh, Hamid, żagħżuh mibrum b'saffejn u li ma chellux actar minn tmienja u għoxrin sena, chellu idejh jecluh biex ifittex jgegħilha b'dic l-ittra iġġarrab dic il ferha.

Dar daùra chissinchiss id-dar collha fuk ponot subgħajh; issamma ùara il bieb ta'l camra t'Ambroġ billi chien tant jibża minnu u meta ma sama l-ebda hiss tiegħu haseb li chien baccar għa'r-ronda.

Meta hass li hadd ma seta jintebah bih diehel għand Carmena resak b'il mod il mod ùara biebùa u hadem b'rasu meta kabel habbat ittaùùal m'it-tokba ta'l muftieh biex jara chienitx għada riekda, għaliex lemah lil Ambroġ u b'kalbu thabbat sitta, sitta b'il katgħa kagħad jissamma chif ġrat is-serka ta' Marija u il ktil ta' hbiebu Petrozz u Calanġ.

Nidem elf darba li hu deffes denbu ùeoll f'dic it-tabxa iżda hu, kal, ma chienx sejjer jagħmel hag'ohra hlief iùassal ittra biex jara hienja lil dic li hu, irsir mirfus, ma sata kait johlom li jista jagħmel hienja bhal Cavalier.

Meta ra li Ambroġ kam biex johroġ tar b'il giri l-isfel u meta semgħu jingħalak f'camartu u dam ftit ma niżel, fehem li ùara dic id-dagħdigħa collha Ambroġ chien kiegħed jiehu għamża biex jistrieh.

Għalecc raġa ta is-salt biex jidhol għand Carmena x'hin hu u tiela it-taraġ sab fuku, habta u sabta, lil Ambroġ li, chif għidna, tah erba dakkiet ta għajn b'iċ-ciera u baka sejjer, imgħaġġel, għand Marija.

Hamid hecc chif ra fuku l-Ambroġ hass imsarnu saru cobba, haseb li chien intebah b'collox u li bl-istess xabla li li il lejl ta' kabel nifed biha lil Petrozz sejjer ucoli jonxor lilu. Tlibbet, ma felahx jarfa riġlu biex icompli jitla, ġa hass gherżumtu f'idejn dac il ġorf ta Ambroġ. . . . x'hin hassu għaddej min hdejh u baka sejjer.

"Hlisniha ùarda," kal bejnu u bejn ruhu, "Ambroġ għadu ma intebah b'xejn... għamel seùùa Petrozz fittex tgherbeb għa'd-dinja l-ohra għa'x x'chien isir minni chiecu ma ismi dac il peċluk ehixef il borma?'

Sama il bieb ta' barra jintgħalak, gera għal ùara tieka u ra l-Ambroġ kiegħed jilùi għal ùara il cantuniera; hass imsarnu jinżlu f'posthom u ghedùed bejn snienu: "għad li għammedtuni fuk demm id-dars f'kiegħ kalbi għadni mislem u fejn nista, ja chelb nisrani, ma niskicx hlief imrar. Ja Mhammed għinni..." u telak b'girja għal għand Carmena.

Tectec ma'l bieb u kabel lahket ùieġbitu kallha. "Ja sidti, iftahli malajr għa'x gibtlec ahbar minn għand il fieres francis......"

Carmena, li sa dac il hin chienet għada mixhuta tolfok u titlob kuddiem il Madonna ta' fejn rasha, theùden fuk dac li ġralu il mahbub ta' kalbha, malli semgħet dac li kal Hamid taret għal bieb, fethet u gibditu ġeùùa.

—"Għidli, għidli, Hamid, k'ed imut?... smajt xi ġralu?.. rajtu?... ùiegibni..."

—"Ja sidti, gej minn għandu... kalbi habbritni... sibtu magħdur f'is-sodda jocrob b'il ġerha li għamillu huc... kalli li sejjer imut... talabni b'il hniena li ingiblec fis din l-ittra..."

(*jissocta.*)

## LOGHOB.

### XARADA.

L-*eùùel* sib għand id-dakkaka,
Sib it-*tieni* f'xi cunvent.
L-*intier* sib għand il hajjata
U sgur int tohroġ cuntent.

Lev.

## TIFSIR TA'L LOGHOB TA' KABEL.

Ix-Xarada ta'n-Nu: 16 Mal - tin

Fissruha tajjeb: Sac: G. M. Dimech (Mosta); C. Abela Hyzler (Sliema); G. Xuereb (Żabbar); G. B. Attard (Imghieret); Gno. Grixti (Gudja); L. Ellul (Hal Chircop); Gno. Camilleri (Hal Luka); Mary Verzin (Hamrun); G. Lupi (Il Belt); Lzu: Galea Testaferrata (Il Belt); P. P. Caruana (Il Birgu); Ivo Muscat-Azzopardi (Il Belt); F. Muscat (Attard); V. Scerri (L-Isla); C. Cassar (Bormla); A. Vella Tanti (Sliema); Ġuzeppina Pace (Sliema); C. Sant (Hal Għargħur); G. Busuttil (Florjana); Sac: G. Grech (Haż-Żebbuġ); A. Mercieca (Mosta) Edy Mula (Sliema); F. Said (Tarxien); L. Caruana (Marsa); S. Navarro (Il Belt); C. Caruana (Il Belt); u A. Cefaj Aquilina (Sliema).

## Lil l-Imsieħbin.

Nitlob lil daŭc l-imsieħbin li għadhom ma ħallsux l-eŭŭel tliet xhur li ma jokogħdux iħabbtu l'ir-ragel li bgħat b'-ir-ricevuti biex iħallsuh, u li ma jokogħdux iżiduli spejjes għa'x il gazzetta fiha b'iż-żejjed, ħalli nibkgħu ħbieb.

Nitlob ucoll lil daŭc l-imsieħbin ta'l campanja fejn għandi ftit imsieħbin li jibagħtu il flus ta'l abbonament bolli ta't-tlieta u jiena nibagħtilhom l-ircevuta b'il posta għaliex ma jakbilx li nibgħat ragel apposta bl-ircevuti. L-imsieħbin, jecc iridu jaraŭ tgħaddi il kuddiem l'in-"Naħla," għandhom jagħmluli il kalb billi ma jħabbtunix għal ħlas.

Min jictibli fuk xi ħaġa u ma inŭieġbux malajr f'loc li jieħu fastidju għandu jieħu ftit ta'l pacenzja għaliex il ġurnal fih xogħol ŭisk u ma nistax inlaħħak chif nixtiek ma cullħadd.

Daŭc collha li jixtieku jaraŭ xi numri ta'n-"Naħla" biex forsi jitħajjru jissiehbu jiġu l-uffiċċju tiegħi u natihom b'XEJN xi numri farrada m'il l-imgħoddija. Nitlob ucoll lil daŭc li jonkoshom xi numri li jgħarrfuni għaliex da'l ŭakt jispiċċaŭ u jibkgħu b'xejn.

Min jissieħeb ġdid u irid in-numri collha ta' kabel għandi mnejn natihomlu.

★

ĦAREĠ IL CTIEB SABIĦ

**"IL MAHBUB TA' GESÙ."**

TA' S-SUR ĠUŻE MUSCAT AZZOPARDI, B'IL ĦAJJA U B'IR-RITRATT TA' L' AŬTUR, B'IN-NOTI U BI STAMPA SABIĦA "SAN ĠŪANN EVANGELISTA F'PATMOS."

DANA IL CTIEB HU STAMPAT FUK CARTA M'IL L-IFIEN U GĦALCHEMM FIH FUK IL GĦOX-RIN FAXXICLU SEJJER JIMBIEĦ **XELIN U NOFS BISS** IL COPJA. MIN ĦA L-EŬŬEL TNAX IL FAXXICLU U MA KAGĦBARHOMX IGIBHOMLI U JIENA NATIEĦ UIEĦED MEĦJUT U LEST. IXTRUĦ ĦALLI TAKRAU CTIEB TASSEU SABIĦ.

A. LEVANZIN.

Is-Sur Ġużè Gatt ta' Bormla sejjer joħroġ Ġabra ta' drammi u tragedji mictuba minnu stess b'il malti. Il ħila ta's-Sur Gatt f'dana ix-xogħol hi magħrufa b'iż-żejjed u għalecc nitma li jsib ħafna imsieħbin chif jixraklu. Fosthom sejjrin jidhru: *Alido, Iż-Żeŭġ Bojjiet, Il Bravu ta Venezja, Il Maħruk Ħaj, Il Mutu Francis u l-Iben Prodigu.*

Cull faxxicolu ta' 16 il faċċata jkum żeŭġ soldi u joħroġ cull gimgħa. L-eŭŭel faxxicolu joħroġ ma jdumx. Min irid jissieħeb jicteb jeŭ imur Bormla, Strada Nuova, 23.

Min irid ipejjep sigarri "Verginja" ta'l aħjar qŭalità jixtri daŭc li jinħadmu f'il Fabbrica ta' Feliċ Ebejjer, 22 Strada Concezione, Bormla.

Għand Carmnu Delia ta' Strada Marina, Bormla, jinsabu għal bejħ mobbli ta'l geŭs u ta'l caŭba m'il l-isbaħ u bi prezzijiet irħas. Min jipprova joħroġ għal kalbu sgur.

Min irid ikatta nofs siegħa biex jieħu pjacir tasseŭ imur f'iċ-Cinematografu il ġdid ta' Ta's-Sliema ta'x-Xatt imsejjaħ SANSPAREIL. M'hux biss jara loc m'il l-isbaħ iżda jara ucoll ħafna pellicoli novità. Tħajjru u ma jibdielcomx.

Fl-Economical Central Dispensary ta' kuddiem il Għajn ta l Furjana jcun ħemm il vista ta't-Tabib m'it-8 sa'd-9 u nofs ta' f'il għodu u m'it-3 u nofs sa'l 4 u nofs ta f'il għaxija, cull jum.

Dŭardu Carabott ta' Via Boschetto, ir-Rabat, ibieħ sigarri Virginja, bl-ingrossa u bl-imnut u jilka għal l-ichel lill cull min irid jiecol buccun tajjeb u b'irħis.

Trid tieħu grog tajjeb jeŭ tixrob birra u imbjjet m'il l-aħjar? Morru għand Riccardu Spiteri ta'l "Excelsior Bar" ta' Strada Vittoria, 37, l-Isla, u taraŭ chif ma għedt xejn żejjed.

Tridu tixtru Cappel tajjeb bi ftit flus? Morru għand Toni Borġ, ta' Strada Santa Teresa, 123, Bormla u taraŭ chif tergħu.

Min irid jinkeda tajjeb b'dentaturi maħdumin tajjeb u bi prezzijiet li jgħoddu għal cullħadd imur għand id-Dentista Ġorġ Guillaumier ta'l Imsida, Rue d'Argens, 25.

Min icun irid jiżboh xi carrozza seŭŭa u b'irħis imur għand Toni Zerafa ta' Strada Reale, 183, il Ħamrun u joħroġ jiftaħar sgur.

Min irid jixtri sapun tajjeb u żejt ġdid m'il l-aħjar imur għand Agius u Galea, 1B Strada Levante, il Belt u jtenni.

Min irid Birra ibbottiljata, imbejjet u Spiriti m'il l-aħjar imur għand Teo: Cuschieri u Sieħbu, 18, Strada Porta Marina l-Isla u jibka sgur li għal qŭalita u għal prezzijiet joħroġ cuntent.

Tridu tinkdeŭ b'Dentista tajjeb għal kligħ u għa'x-xogħol? Morru għand is-Sur Alfons Urso, kuddiem il Għajn ta'l Pjazza ta' Raħal Ġdid u ma jibdielcomx.

Min icollu bżonn li jircanta jeŭ jistma xi ħaġa, jeŭ min irid jixtri fajjenzi, affarijiet ta'l mejda, jeŭ mobbli seconda man ucoll imur għand is-Sur Diomede Azzopardi, No. 10A. Strada Reale, Il Belt, jeŭ fuk S. Paul, Bormla.

Is-Sur Salv: Zammit hu l-Agent għal Malta ta'l imfaħħra Dar ta'l fjuri u siġar, Nastasi e Figlio. Dal ŭakt jasal f'Malta Salv: Nastasi biex jieħu l-ordnijiet ta' Camelji, Gardenji, siġar ta'l frott u ħamrija ta'l felci. Min irid jordna xi ħaġa jmur fi Strada Stretta No. 146. Il Belt, cantuniera ma Str: Santa Lucija.

Għa't-tfal ta'l Iscola Billion li jokogħdu il Belt, il Furjana jeŭ l-Imsida hemm omnibus apposta biex jieħodhom u jgibhom ta' cull jum u jcunu inducrati minn surmast li jieħu ħsiebhom.

Min irid jixtri xorb tajjeb u b'irħis imur għand is-Sur Ġużè Casha, ta' Strada Zecca, Nu 14, il Belt u ma jibdielux.

Il Milied u l-Istrina magħna. Min irid jixtri ġugarelli, cartolini, arloġġi u ħŭejjeġ oħra għa'r-rigali. b'irħis, imur għand James P. Griffiths ta' Strada Marina. Nu 43, Bormla u joħroġ sgur cuntent.

Min irid jixtri ctieb b'il malti, ta' 300 faċċata, sabiħ ŭisk li jfisser cull ma tagħmel il Cnisja ma tul is-sena jibgħat Għaŭdex, il Kala, għand Dun Manŭel Galea, 53 Strada Migiarro. Ikum xelin il ŭieħed, bi't-tuzzana 10 soldi.

Min irid icollu fuku libsa meħjuta suret in-nies u bi drappijiet fini jmur għand Ġanni Valenzia, f'it-Triek ta'l Cnisja, Bormla, u ma jibdielux.

Min irid jitgħallem ifassal seŭŭa ilbiesi ta'l-irġiel u ta'n-nisa imur għand il Professur Vincenzo Grech, Strada Alessandro, No 5 (fuk Putirjal) il Belt, li tgħallem fl-Accademji ta' Londra, ta' Parigi, u ta' Torin.

Tridu tpejjpu sigarretti m'il l-aħjar u m'il l-orħos?
Ixtru is-sigarretti "Imperial" ta' Alfredo Caruana ta' Ta's-Sliema li jimbiħu f'il ħŭienet principali.

Stamperija «Excelsior» 37, Strada San Giovanni, Il Belt.